MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2005

Numru. 1007/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**
**VS**
**KENNETH CARUANA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kenneth Caruana ta' 27 sena imwieled San Giljan nhar il-11 ta' Frar, 1977, bin il-mejjet Edward u Yvonne nee' Mifsud, residenti gewwa 21, Triq il-Qronfla, San Gwann, u detentur ta' karta ta' identita' numru 119677M;

Talli nhar id-9 ta' Novembru 2004 xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom, u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' l-kaz;

Rat il-verbal tallum stess fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat artikolu 334 tal-Kap 9 u Art 7 u 9 tal-Kap 446, tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn. Ghal dan il-ghan il-Qorti qed tinnomina lid-Direttur ta' l-probation services sabiex jinnomina probation officer addattat ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------